Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Urġenti Numru 9

Data tal-laqgħa: 20 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 9.1 *Draft Budget* 2020

9.1.1 Id-*Draft Budget* għas-sena finanzjarja 2020 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuż). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

9.1.2 Is-SE spjegat xi affarijiet lill-Kunsilliera fosthom li l-Allokazzjoni ma tkoprix ċertu spejjeż. Is-SE irreferiet b'mod partikolari għall-ispejjeż Amministrattivi, fejn l-Allokazzjoni ta' din il-kategorija lanqas biss tkopri s-salarji tal-impjegati u l-*allowances* tal-Kunsilliera.

9.1.3 Is-Sindku wera l-preokkupazzjoni tiegħu dwar dan, u għalhekk issuġerrixxa li l-*accountant* jikteb lid-DGL biex nitolbu għal aktar fondi, biex ikopru spejjeż fissi u kuntrattwali, b'mod speċjali fejn jidħlu spejjeż Amministrattivi. Il-Kunsill qabel.

9.1.4 Fuq proposta tal-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsilier Stephen Gatt, id-*Draft Budget* 2020 ġie approvat unanimament. Is-SE ser tippreżenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti fil-laqgħa li jmiss.

9.1.5 Il-laqgħa ntemmet fl-4.20pm.

Konfermati, it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2020.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Nutar Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |